Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 18/2015

**Carrie Wingfield (ID Nru 349101L)** **[appellata]**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali** **[appellant]**

7 ta' Frar 2017.

B'avviz tat-13 ta' Awwissu 2014 gharraf lill-appellata li kienet thallset zejjed is-somma ta' tlett mija u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€340.70) fil-**Pensjoni tal-Eta'** ghall-perjodu mill-14 ta' Gunju 2014 sat-22 ta' Awwissu 2014, minhabba li, *"Id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnek"*. Permezz ta' ittra datata 26 ta' Awwissu 2014, l-istess Carrie Wingfield appellat mid-decizjoni surreferita tad-Direttur u dan ta' bidu ghall-proceduri quddiem l-arbitru fejn qalet :

*'(1) L-appellanti tifforma familja ghal rasha u tipprovdi hija wahidha ghall-ispejjez, kontijiet u necessitajiet taghha minghajr ebda assistenza finanzjarja minghand terzi persuni tant illi tiddependi biss fuq l-ghajnuna u beneficcji socjali li tircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ;*

*(2) Hija ma bidlet l-ebda indirizz u r-residenza ordinarja taghha ghadha fl-indirizz moghti lid-Dipartiment u cioe' Blk A, Flt 11, Ghajn Kajjet, Rabat, RBT14.'*

Fid-decizjoni tal-10 ta' April 2015, l-Arbitru qal li l-appellant ma rnexxilux jipprova b'mod konvincenti li l-appellata ma kinitx qed tifforma familja ghal rasha u/jew tabita fl-indirizz moghti minnha. Ghaldaqstant, laqa' l-appell u ordna lid-Direttur Generali sabiex ipoggi lill-appellata fil-posizzjoni li kienet qabel ma ha d-decizjoni.

L-appellant appella mid-decizjoni tal-Arbitru. L-aggravju principali hu li l-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi. L-appellant jilmenta illi skont l-artikolu 97(1)(b) tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellata kienet obbligata li tinforma lid-Dipartiment b'kull tibdil fic-cirkostanzi ta' hajjitha. Inoltre l-istess obbligu hu mpost fl-applikazzjoni li biha talbet ghall-beneficcju; *"nobbliga ruhi li ninforma minnufih lid-Direttur Generali (Sigurta' Socjali) b'kull tibdil fic-cirkostanzi li jidhru hawn fuq …"*. Id-Direttur enfasizza illi kull beneficjarju huwa obbligat irendi din l-informazzjoni lid-Dipartiment peress illi kull tibdil jista' jincidi fuq jekk persuna tibqax hi l-kap tal-familja u allura tibqax intitolata ghall-beneficcju jew le.

L-appellant ilmenta illi l-arbitru injora numru ta' fatturi elenkati fir-rapport tal-ispetturi (fol 3):

*"(i). bin l-appellata wera lill-ispetturi xi hwejjeg li huwa stqarr li kienu ta' ommu u dawn kienu minimi ghall-ahhar – erbat ilbiesi tal-okkazjoni, tliet flokkijiet tas-sajf u erbat iggieget b'laqta femminili;*

*(ii). il-gwardarobbi li allegatament kellhom fihom il-hwejjeg tal-appellata kienu f'posizzjoni li taghmilha difficli ghal dak li jkun sabiex jiftah l-imsemmija gwardarobbi – "Ta' min jghid li minhabba l-mod kif hija mpoggija l-ghamara, gozz ma' xulxin, is-Sur Muscat fetah din il-gwardarobba b'certu tbatija … kien pjuttost ovvju li galadarba kien difficli ghalina u ghas-Sur Muscat biex niksbu access liberu ghall-ghamara li kienet impoggija bl-addocc f'din il-kamra allura ahna ma stajniex nimmaginaw kif mara ta' 66 sena setghet tidhol f'din l-istess kamra mimlija trab u ghabra, biex tiehu hwejjigha." (mehud minn pagna 4 tar-rapport);*

*11. Mir-rapport irrizulta li fil-fatt fl-indirizz iddikjarat mill-appellata kienu joqghodu bin l-appellata u t-tfajla tieghu u dan ghaliex ma nstabitx bizzejjed evidenza li l-appellata kienet ghadha tghix fl-indirizz iddikjarat minnha;"*

Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

*"Dan ir-rapport iqajjem certi diffikultajiet. L-Arbitru hu tal-fehma li apparti l-ispezzjoni l-ispetturi ghandhom jaghmlu kollox sabiex ikellmu l-beneficjarju biex b'hekk ikunu jistghu jiehdu l-verzjoni tal-beneficjarji u jkunu jistghu jaslu ghal konkluzjonjiet aktar korretti. Mhux mistenni li ommu toqghod tghid lil binha fejn qeghda zzomm l-underwear peress li fil-kamra taghha kien qed isir xi rinovament.*

*Il-verzjoni li tat l-appellanta tnissel certi dubji jekk il-konkluzjonijiet fir-rapport. Dan ir-rapport huwa limitat biss ghall-hwejjeg relatati mal-appellanta. Kien ikun ahjar li kieku l-ispezzjoni kienet tkopri aktar aspetti bhal spezzjonar fil-kamra tal-banju biex wiehed jara jekk kienx hemm accessorji li setghu jigu abbinati mal-appellanta.*

*L-Ispetturi qaghdu biss fuq dak li qalilhom bin l-appellanta u jekk il-verzjoni tieghu ma kenitx wahda preciza (anzi kontraditorja dwar jekk it-tfajla tieghu kenitx tghix hemm b'mod permanenti) dan wahdu ma jistax iwassal ghal konkluzjonijiet certi. L-Ispetturi kienu jkunu aktar precizi li kieku hadu l-verzjoni tal-appellanta billi jghidu lil binha jcemplilha u tigi dak il-hin u taghti l-verzjoni taghha.*

*L-Arbitru ghandu dubju serji dwar dan ir-rapport ghaliex il-fatt li fil-kamra tas-sodda tal-appellanta kien qed isir xoghol estensiv ta' rinovar, wiehed jista' jistenna li certi hwejjeg ikunu fil-kaxxi u dan biex ma jimtlewx bit-trab.*

*Peress li jirrizultaw dubji serji jekk l-appellanta kienetx marret toqghod x'imkien iehor, l-Arbitru jhoss li ghandu jaghti l-beneficcju tad-dubju tal-appellanta peress li dawn il-proceduri bis-sanzjonijiet li jimponi d-Direttur Generali ghandhom ikunu bbazati fuq aktar konkluzjonijiet oggettivi."*

Appuntu fuq dawn l-osservazzjonijiet tal-Arbitru hawn fuq riprodotti, id-Direttur appellanti jilmenta illi (fol 4):

*"14. Illi ta' min jghid li l-arbitru wasal ghal decizjoni bil-wisq zbaljata ghaliex qed jikkonfondi l-ghan wara dawn l-ispezzjonijiet li huwa ezattament sabiex l-ispetturi jmorru ghall-gharrieda fl-indirizz li jkun iddikjara l-beneficjarju sabiex jiccekkjaw jekk fil-verita' c-cirkostanzi ta' hajjet l-applikant inbidlux jew le. Jekk l-ispetturi jaghmlu dak li l-arbitru qed jissuggerixxi fid-decizjoni, l-element ta' sorpriza jinqered ghal kollox ghaliex huwa fatt li bniedem avzat nofsu armat u jekk il-beneficjarju jkun jaf li ghandhom imorru l-ispetturi, ma hemmx dubju li jaghmel minn kollox sabiex jara li kollox ikun kif suppost ghal meta jigu l-ispetturi;*

*15. Illi l-arbitru jsostni li minkejja li hemm dubji serji kemm fir-rapport kif ukoll fil-verzjoni li tat l-appellata, huwa hass li ghandu jaghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellata. Izda fil-fatt, il-beneficju tad-dubju ghandu jinghata lid-Dipartiment ghaliex hija l-appellata li trid iggib il-prova konvincenti li hija fil-fatt qed toqghod fil-post iddikjarat minnha fl-applikazzjoni u mhux bil-kontra. Dan qed jintqal ghaliex l-oneru tal-prova huwa fuq l-applikant u dan skont l-artikolu 97 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali sabiex fil-kaz ta' talba ghal xi wahda mill-ghajnuniet imsemmija fl-Att, igib "prova konvincenti, u konvincenti hafna, ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur biex dan ikun in grad jevalwa u jiddeciedi dwarha sal-grad ta' konvincement ragjonevoli."*

Mill-atti jirrizulta li:

1. Fl-ispezzjoni li saret minn ufficjali mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji, irrizulta li l-kamra tas-sodda li suppost kienet tintuza mill-appellata, kienet vojta u mimlija trab u kien evidenti li kien qieghed isir xoghol fiha. L-ghamara tal-kamra tas-sodda kienu f'kamra ohra, li kienet mimlija ghamara u bil-kemm setghu jifthu l-gwardarobba. Kull ma ntwerew bhala hwejjeg ta' ommu, kienu erbat ilbiesi, tlett flokkijiet tas-sajf, u erbgha ggieget. Fir-rapport jinghad ukoll: "*Tajjeb naghmlu enfazi dwar il-fatt li l-moviment tal-ispettorat u tas-Sur Alan Muscat f'din il-kamra kien ristrett hafna u dan kompla jsahhah il-konkluzjoni taghna li attwalment din il-kamra m'hijiex tintuza"*.

2. L-appellata stess ikkonfermat li ghandha partner, izda qalet ukoll li ma tghix mieghu ghalkemm ikun hemm xi weekend meta tmur ghandu. Binha stess qal lill-ispetturi li mhux l-ewwel darba li ommu tmur tqatta' l-weekend f'Bugibba mas-sieheb taghha. L-appellata qalet ukoll li kellha hwejjeg f'kaxex u gradenzi. Kontro-ezami ma sarilhiex.

Il-qorti ssib li fl-indagni li saret kien hemm certu nuqqas. Ezempju ma jidhirx li l-ispetturi kkonstataw jekk is-sufan fejn iben l-appellata qal li ommu kienet torqod fuqu, kienx *sofa bed*. Lanqas ma jirrizulta li l-appellati talbu ghall-indirizz tal-fond fejn jabita l-partner tal-appellata, u taghrif kemm kien ilu ghaddej ix-xoghol fil-kamra tas-sodda tal-appellata. Pero' l-ikbar nuqqas tal-investigazzjoni hu li ma sar l-ebda kuntatt mal-appellata. Il-qorti tosserva li f'kazijiet ta' din ix-xorta li jigu quddiemha, rari li jsir kuntatt mal-beneficjarju. Dan m'ghandux ikun. Wiehed irid jiftakar li skont l-artikolu 97(1)(b) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), l-appellant għandu dritt li jitlob informazzjoni minghand il-beneficjarju u xiehda, sabiex jiddetermina jekk il-beneficjarju ghandux jedd li jibqa' jircievi il-hlas li jkun qieghed isir taht xi provvediment ta' dik il-ligi.

L-Arbitru jsostni li kien hemm dubji serji jekk l-appellata kinitx marret tghix f'post iehor u ta l-beneficcju tad-dubju. Il-qorti tosserva:

i. Li mill-provi li tressqu quddiem l-Arbitru, il-qorti hi tal-fehma li l-Arbitru seta' jikkonkludi li jezisti dak id-dubju. L-apprezzament tal-fatti jsir mill-Arbitru u l-qorti ma ssibx li meqjus dak li nghad diga l-qorti ma tqiesx li hemm ragunijiet gravi li ghandhom iwasslu lil din il-qorti biex ma taqbilx mal-Arbitru.

ii. Gialadarba qabel ha d-decizjoni l-appellant ma baghatx ghall-appellata sabiex jigbor taghrif minghandha bil-mod li jinghad fl-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318, id-dubju ghandu jmur favur l-appellata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.